MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 37/2006

**Avviz Numru 37/2006VGD**

G & A Autoparts Limited (C 5420)

Vs

Anthony (Id. 529664M) u Mary Rose (Id. 692661M) konjugi Grixti.

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici tablet il-hlas minghand il-konvenuti ta' l-ammont ta' erbgha mija u erbgha u tmenin lira Matlin u wiehed u disghin centezmu (Lm484.91), liema ammont jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija/spareparts mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenuti jew min minnhom, liema bilanc ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-

hlas. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittri legali datati 17 ta’ Ottubru 2005, 14 ta’ Novembru 2005 u 2 ta’ Dicembru 2005 u bl-interessi legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew (i) illi it-talba tas-socjeta’ attrici qed tigi kontestata in vista tal-fatt li l-konvenuti ma kellhom ebda pendenzi ta’ hlas maghha; (ii) illi qabel xejn pero, is-socjeta’ attrici ghandha ggib il-prova u taghti rendikont ghal liema konsenji ta’ merkanzija hija qeghda tfittex f’dawn il-proceduri stante li l-premessi huma vagi wisq. B’riserva li jitressqu eccezzjonijeit ulterjuri fiz-zmien opportun. Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici li minn issa d-dirigenti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-affidavit ta’ Victor Difesa prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Joseph Gravino prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra l-affidavit ta’ Sinclair Scerri prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda tal-konvenut Anthony Grixti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici, jirrizulta illi l-konvenut Anthony Grixti kien klijent regolari tas-socjeta’ attrici, fis-sens li kien jixtri merkanzija minghandha, ghal diversi snin. Il-konvenut kien jordna x-xoghol, u s-socjeta’ attrici kienet tibghat il-merkanzija li jkun ordna ghandu. Wara kien imur is-salesman tas-socjeta’ attrici biex jigbor il-hlas, jew inkella l-konvenut kien jibghat cekk bil-posta. Il-konvenut kien ihallas akkont tal-merkanzija li kien jiehu.

Fil-fatt mid-dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici u partikolarment id-dokument ‘VD18’, jidhru x’ordnijiet saru

mill-konvenut sa mill-1996, kif ukoll il-hlasijiet akkont li kienu jsiru da parti tal-konvenut.

Illi f'xi zmien is-socjeta' attrici bdiet tinsisti fuq il-hlas tal-bilanc li kien ghad fadallu jhallas il-konvenut, fl-ammont ta' Lm484.91c. Is-socjeta' attrici ezebiet l-invoices pertinenti ghall-bilanc li kien ghadu dovut (Dok. VD 2 sa VD17).

Ix-xhud Victor Difesa, li jiehu hsieb l-accounts tas-socjeta' attrici, kkonferma li l-konvenut qatt ma kien jiffirma l-invoices, izda l-hlas akkont xorta wahda kien isir minnu, u dan kif jidher mid-dokumenti VD19 sa VD 31. Huwa xehed ukoll illi kien baghat is-salesman sabiex jigbor il-bilanc dovut, u meta l-konvenut ma kienx hallas kien anki baghat diversi ittri permezz tal-avukat fejn intalab li jsir il-hlas dovut.

Illi x-xhud Joseph Gravino, direttur tas-socjeta' attrici, kkonferma li l-bilanc mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut minghand il-konvenut. Huwa kkonferma illi l-procedura ta' bejgh bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut kienet li l-konvenut jordna x-xoghol minghand is-salesman, jinhareg l-invoice, u mbaghad il-konvenut jew ihallas lis-salesman jew inkella jibghat cekk. Ix-xhud Gravino xehed illi meta l-konvenut ma hallasx il-bilanc dovut, huwa ppretenda li minnflok jirritorna lura xi merkanzija li kien xtara zmien ilu u li ma kienx biegh. Joseph Gravino pero ma accettax li jiehu lura merkanzija.

L-ahhar xhud tas-socjeta' attrici, Sinclair Scerri, li jahdem bhala salesman mas-socjeta' attrici, xehed illi hu kien dejjem jiehu l-ordnijiet minghand il-konvenut. Kien hu stess li kien jigbor il-flus mighand il-konvenut meta ma kienx jibghat xi cekk. Skond dan ix-xhud, il-konvenut qatt ma kien jiffirma l-invoices tax-xoghol li kien jixtri minghand is-socjeta' attrici u dan ghaliex qatt ma kien hemm inkwiet bejniethom u ghaliex kien hemm fiducja reciproka bejn iz-zewg partijiet.

L-istess xhud ikkonferma illi f'xi zmien Victor Difesa kien jibghatu sabiex jigbor il-bilanc li kien dovut minghand il-konvenut, izda dan ta' l-ahhar qatt ma ried ihallas u

minnflok ried jirritorna xi merkanzija li kien xtara snin ilu u li ma kienx rnexxilu jbiegh.

Minn-naha tieghu, il-konvenut xehed illi huwa jiggestixxi hanut tal-‘autoparts’ u li ilu jixtri merkanzija minghand is-socjeta’ attrici tul dawn l-ahhar sittax il-sena. Huwa spjega illi l-procedura kienet li huwa kien jaghmel l-ordni tieghu mas-salesman, u mbaghad il-merkanzija kienet tasal ghandu xi jumejn wara, u huwa jew kien ihallas dak il-hin jew il-merkanzija kienet tithalla ghandu ‘*on credit’* u mbaghad kien ihallas xi xahar jew xahrejn wara. Huwa xehed illi l-invoice li kienet tigi mal-merkanzija kienet tibqa ghandu u hu kien jiffirmaha. Fil-fatt huwa kkonferma li qatt ma ffirma xi dokument li kienet tittiehed lura mid-*delivery man,* u li huwa minnu li s-salesman Sinclair Scerri kien jiehu l-ordni tieghu izda l-konsenja ma kenitx issir minghandu izda minn delivery man iehor. Madankollu Sinclair Scerri kien jigi jigbor il-hlasijiet.

Illi dwar l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici, l-konvenut xehed illi mhux minnu li Sinclair Scerri kellmu dwar dan l-ammont allegatament pendenti. Huwa ddikjara li l-invoices esebiti mis-socjeta’ attrici ghall-ammonti li ghadhom pendenti, ma nstabux fir-*records* tieghu u ghalhekk, skond hu, il-merkanzija indikata f’dawk l-invoices qatt ma waslet ghandu. Il-konvenut xehed illi huwa kien ihallas l-invoices li kienu jaslu ghandu u li huwa kien jiffirmhom sabiex izomm sistema ta’ ‘*filing*’ ghalih innifsu. F’dan ir-rigward il-konvenut xehed testwalment illi *‘jiena kont niffirma fuq l-invoice illi nzomm jiena.*’ Huwa xehed illi kien ihallas ammonti precizi skond l-invoices li kien jircievi, u kien jinghata rcevuta ghall-hlasijiet li kien jaghmel, izda qatt ma nghata rcevuta ghall-ammonti li qed titlob is-socjeta’ attrici. Huwa cahad li kellu xi merkanzija li kien xtara precedentement u li ma riedx ihallas ghaliha.

Tenut kont ta’ dan kollu, jidher illi l-invoices li skond is-socjeta’ attrici ghadhom ma thallsux b’kollox jammontaw ghal tlettax il-invoice separat. Dawn l-invoices huma konsekuttivi fis-sens illi jkopru l-perjodu bejn il-25 ta’ Settembru 2002 sas-27 ta’ Jannar 2004. Il-konvenut isostni illi gjaladarba huwa qatt ma ra dawn l-invoices,

huwa ma kienx ha l-merkanzija indikata f’dawn l-invoices. B’hekk wiehed irid jikkonkludi li effettivament il-konvenut ma ha l-ebda l-merkanzija minghand is-socjeta’ attrici ghall-perjodu 25 ta’ Settembru 2002 sas-27 ta’ Jannar 2004, u cioe ghall-perjodu ta’ sena u tlett xhur.

Madankollu jidher car illi l-konvenut kien jixtri l-merkanzija minghand is-socjeta’ attrici regolarment u fl-ebda mument waqt ix-xhieda tieghu ma qal li kien hemm perjodu daqshekk twil meta ma sarux ordnijiet mas-socjeta’ attrici. Anzi, l-konvenut jaghti x’jifhem illi huwa kien jordna regolarment minghand is-socjeta’ attrici u kien anki jhallas regolarment.

Inoltre, f’dan il-perjodu partikolari, u cioe bejn Settembru tal-2002 sa Jannar tal-2004, jidher car mid-dokument ‘VD18’, illi l-konvenut baqa perjodikament ihallas ammonti akkont lis-socjeta’ attrici.

Illi l-konvenut jinsisti li kien jaghmel hlasijiet ta’ invoices specifici, u meta gie suggerit lilu li kien jaghmel hlasijiet akkont, huwa innega dan. Bhala fatt pero, jidher illi l-konvenut kien ihallas akkont u ma kienx qed ihallas ammonti specifici, u dan johrog car mid-Dokument ‘VD18’.

Il-konvenut jibbaza d-difiza tieghu kwazi interament fuq tlett fatturi u cioe:- il-fatt illi gjaladarba ma sabx kopji ta’ dawn l-invoices fir-records tieghu allura ma kenitx saret il-konsenja tal-merkanzija; il-fatt illi l-invoices esebiti mis-socjeta’ attrici m’ghandhomx il-firma tieghu; u, l-fatt li m’ghandux rcevuti tal-hlasijiet ta’ dawn l-invoices in kwistjoni.

Illi pero, l-ebda wiehed minn dawn l-argumenti ma jreggi ghaliex fl-ewwel lok il-fatt li huwa ma zammx kopja tal-invoices jew ma sabx kopja taghhom fir-records tieghu bl-ebda mod ma jfisser illi l-invoices ma jezistux u li l-konsenji ma sarux. Il-fatt illi l-invoices mhumiex iffirmati mill-konvenut ma jifsser xejn f’dan il-kaz partikolari ghaliex hareg car mill-provi illi l-konvenut qatt ma kien jiffirma l-invoices ghas-socjeta’ attrici, izda kien biss izomm kopja ghalih u jiffirmaha ghar-records tieghu. Li kieku s-

sitwazzjoni kienet tali li kull darba li kien jiehu konsenja kien jiffirma l-invoice ghas-socjeta' attrici, hemmhekk wiehed seta jsaqsi kif mbaghad grupp ta' invoices partikolari mhumiex iffirmati minnu, u ghalhekk wiehed ikun jista' jikkontempla li l-konvenut qatt ma inghata dawk l-invoices.  Izda dan ovvjament mhux il-kaz hawnhekk. Mbaghad, il-fatt illi l-konvenut m'ghandux ircevuti tal-hlas tal-invoices in kwistjoni huwa ovvju jekk is-socjeta' attrici qed isostni li l-hlas ma sarx, u l-konvenut stess qed jghid ukoll li ma sarx il-hlas da parti tieghu.

Illi fl-ahharnett, ma jistax jinghad illi l-provi tas-socjeta' attrici gew b'xi mod kontradetti, u fin-nuqqas ta' versjoni tal-fatti kredibbli da parti tal-konvenut, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova li l-ammont mitlub minnha huwa dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm484.91c), bl-imghaxijiet legali kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------